**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Franky Cini**

Numru 124/2011

Illum 13 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Franky Cini**, ta' wiehed u tletin (31) sena, iben Joseph u Salvina neé Cini, imwieled Rabat, Ghawdex, fil-15 ta' Ottubru 1980 u residenti fil-fond No. 1, Casa Cini, Triq Goma, Zebbug, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 25880(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Dicembru 2011, u fix-xhur ta' qabel gewwa Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u gewwa postijiet ohra f'Ghawdex, f'hinijiet differenti:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) lill-

persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) liema droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzajoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib

Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "FT 1" – *a fol.* 9).

Rat ukoll il-*Proces Verbal* Numru 16/12 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini li gie mmarkat bhala Dok. "JA" (*a fol.* 52 *et seq.*).

Semghet ix-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 166 *et seq.*), lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jirrikunsidra l-istess.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 (*a fol.* 168), lil Dr. Stephen Tonna Lowell ghall-imputat jinforma lill-Qorti, u dana b'riferenza ghal dak verbalizzat rigward l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014, illi l-ammissjoni tal-imputat kienet tirrigwarda biss it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, f'liema seduta l-Qorti stiednet lid-difiza sabiex tqajjem dan il-punt fil-prezenza tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 175), lill-imputat jammetti t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba

fil-konfront tieghu u semghet jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-istess.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 175), lid-difiza tirrileva li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma kienitx qed tigi ammessa.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 175), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma tirrizultax.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 (*a fol.* 175), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jissugerixxu lill-Qorti li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun dik ta' sitt (6) prigunerija effettiva u kif ukoll ghall-hlas ta' multa.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2015, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali u semghet ukoll, fl-istess seduta, lid-difiza taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn spjega li f'Novembru 2011 il-Pulizija tal-Ghassa fir-Rabat, Ghawdex kienu rcevew informazzjoni li kien hemm zewg persuni miz-Zebbug, Ghawdex li kienu qed jittraffikaw id-droga gewwa l-pjazza taz-Zebbug u fl-inhawi. Jghid li l-informazzjoni kienet tghid ukoll li wiehed minn dawn il-persuni kellu vettura ta' kulur safrani. Jghid li, minn ricerka li ghamel, irrizulta li din il-persuna setghet kienet l-imputat. Jixhed li fid-29 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tal-10.30pm il-Pulizija tal-*mobile* cioé PC 138, PC 1384 u PS 715 rcevew informazzjoni li l-imputat kien ser jaghmel *deal* tad-droga gewwa Marsalforn u b'hekk il-Pulizija marru hemm u nnutaw vann ta'

kulur isfar bin-numru ta' registrazzjoni JAA 117. Jghid li l-Pulizija segwew dan il-vann u malli x-xufier tal-vann innota li kien hemm il-Pulizija qed josservawh gie nnutat jarmi borza b'sustanza bajda suspettata li hija kokajina minn gewwa l-vettura. Jghid li l-Pulizija marru dritt jarrestawh u gabru l-borza mill-art. Jghid li t-tfittxija li saret fuq l-imputat u fil-vann irrizultaw fin-negattiv. Jixhed li minn tfittxija li saret minn gewwa garaxx tal-imputat li jinsab fi Triq il-Kaccatur, Zebbug, gew elevati xi boroz tal-plastik, liema boroz kellhom it-tarf imqatta', u kif ukoll xi boroz ohra b'sustanza bajda suspettata li hija kokajina. Jghid li hu (l-iSpettur Tabone) gie nfurmat u nfethet Inkjesta Magisterjali. Ezebixxa *envelope* kontenenti oggetti li gew elevati li gew mmarkati bhala Dok. "FT 6" (*a fol.* 20 u 25). Jghid li l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet lill-Pulizija liema stqarrijiet huma dawk immarkati bhala Dok. "FT 4" (*a fol.* 13 *et seq.*) u "FT 5" (*a fol.* 16 *et seq.*).

Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012 l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** ezebixxa wkoll rcevuta li giet immarkata bhala Dok. "FT 7" (*a fol.* 34) u kif ukoll *mobile phone* li gie mmarkat bhala Dok. "FT 8" (*a fol.* 21).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn qal li f'Novembru 2011 kienu rcevew informazzjoni li l-imputat kien qieghed jittraffika d-droga kokajina. Jghid li dakinhar tal-akkadut waqt li kien *night watch*, ircevew informazzjoni li l-imputat kien ser jinzel Marsalforn sabiex jaghmel *deal* tad-droga. Jghid li PS 715 kien qieghed fejn "Il-Furketta" u kien infurmahom li ra lill-imputat niezel. Jghid li gie nfurmat PC 1384 sabiex jekk jiltaqghu mal-imputat, dan jigi imwaqqaf. Jghid li PC 1384 prova jwaqqaf lill-imputat li kien jinsab go vettura *Ford Escort* safra bin-numru ta' registrazzjoni JAA 117 u li hekk kif PC 1384 saq quddiem din il-vettura, l-imputat ipprova jirriversja però PS 715 imblukkalu t-triq minn wara bil-vettura l-ohra tal-Pulizija. Jghid li l-imputat gie nnotat jwaddab xi haga mit-tieqa. Jghid li l-imputat inhareg mill-vettura, gie mmanettjat u saret tfittxija fuqu. Jghid li l-oggett li l-imputat waddab mit-tieqa kienet borza tal-plastik bi trab abjad suspettat kokajina liema borza giet elevata. Jghid li wara saret tfittxija gewwa l-garaxx tal-imputat fi Triq il-Kaccaturi, Zebbug, Ghawdex fejn gew elevati ammont ta' boroz tal-

plastik godda li kellhom iz-zewg kantunieri mqattghin kemm min-naha u kemm minn ohra. Jghid li dawn instabu gewwa xkora tal-karti li kienet qed tintuza' bhala *rubbish bin*. Jghid li l-imputat minn jeddu hadhom hdejn *dehumidifier* fejn fih kien hemm zewg boroz: borza naqra mdaqqsa bi trab abjad suspettat kokajina u borza izghar li kien ukoll fiha trab abjad suspettat kokajina. Jghid li tkompliet it-tfixxija gol-garaxx u gew elevati numru ta' boroz tal-plastik godda. Wara li gie muri Dok. "FT 6" (*a fol.* 20 u 25) spjega li dawn huma l-oggetti li kienu gew sigillati.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **PS 715 Lucian Gatt** (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn spjega li f'Novembru 2011, PC 138, PC 1384 u hu kienu rcevew informazzjoni anonima li l-imputat kien qed jittraffika d-droga kokajina. Jghid li fid-29 ta' Dicembru 2011 kienu rcevew informazzjoni ohra anonima li kien ser isir xi traffikar ta' droga gewwa Marsalforn. Jghid li nqasmu fi tlett *units* u f'hin minnhom gie osservat l-imputat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAA 117 misjuqa minnu. Jghid li hu (PS 715) kien il-hin kollu f'kuntatt mal-kollegi tieghu u ddecidew li jaghlquh fit-triq. Jghid li x'hin l-imputat induna bihom, l-imputat rema' xi haga minn got-tieqa tal-vettura tieghu, hu gie mwaqqaf u saritlu tfittxija fil-vettura li rrizultat fin-negattiv. Jghid li t-triq kienet mudlama u ftit metri 'l boghod mill-vann kien instab pakkett tal-plastik liema pakkett kien fih trab abjad suspettat kokajina. Jghid li l-imputat gie avzat li kien taht arrest u gie moghti s-solita twissija. Jghid li hu (PS 715) u l-kollegi tieghu ddecidew li jmorru go garaxx fi Triq il-Kaccaturi, Zebbug peress li kienu jafu li dan kien tal-imputat. Jghid li hekk kif l-imputat fetah il-bieb osservaw xi boroz tal-plastik bil-kantunieri taghhom imqattghin. Jghid li l-imputat indikalhom *dehumidifier* fejn go fih kienu sabu xi pakketti ohra bi trab abjad suspettat kokajina. Ezebixxa kopja tar-rapport li gie mhejji minnu li gie mmarkat bhala Dok. "LG 1" (*a fol.* 30 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2012, xehdet **Nadia Gatt** (rapprezentanta ta' *Transport Malta – a fol.* 61 *et seq.*) fejn spjegat li minn ricerka li ghamlet fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAA 117 rrizulta li din il-vettura qatt ma kienet registrata f'isem Franky Cini. Tghid li din kienet registrata fuq isem Joseph Cini (I.D. Nru. 6642(G)) bl-indirizz ta' Numru 1, Triq Goma, Zebbug,

Ghawdex. Hija pprezentat id-dokument li xehdet fuqu li gie mmarkat bhala Dok. "NG 1" (*a fol.* 63 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **Max Xuereb** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn spjega li kien inghata l-inkarigu ta' fotografu fl-Inkjesta Magisterjali. Jghid li ha tnejn u ghoxrin ritratt fil-prezenza tal-imputat fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, liema ritratti gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "MX 1" sa "MX 22" (*a fol.* 67).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **PC 1384 Felix Sammut** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn qal li f'Novembru 2011 kellhom informazzjoni li l-imputat kien qieghed jittraffika d-droga kokajina. Jghid li fid-29 ta' Dicembru 2011 kellhom informazzjoni ohra li l-istess imputat kien ser jaghmel *deal* tad-droga gewwa Marsalforn. Huwa xehed fuq l-istess linji li xehdu fuqhom PC 138 u PS 715. Jghid li kien PC 138 li gab borza f'idejh bi trab abjad suspettat li hija kokajina.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012, xehed l-i**Spizjar Godwin Sammut** (*fol.* 71 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 73 *et seq.*). Jghid: *"bhala konkluzjoni fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti 039 12 01 u 039 12 02 instabet is-sustanza kokajina. Il-piz totali ta' trab kien ta' 15.3grs u l-purità kienet ta' circa 22%"* (*a fol.* 71).

L-i**Spizjar Godwin Sammut** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 98 *et seq.*) fejn spjega li in segwitu tal-inkarigu moghti lilu sabiex jaghti valur tad-droga fl-atti processwali odjerni, irrizulta li kien hemm 15.3grs kokajina li skond il-Malta National Report il-valur tal-kokajina huwa €80.00 kull gramma, b'hekk jaghti total ta' €1224.00. Huwa ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 2" (*a fol.* 100 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 121) in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu fil-11 ta' Jannar 2012 sabiex johrog il-kontenut minn cellulari u *sim card* (Dok. "FT 8" – *a fol.* 21). Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 122 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-<u>ewwel stqarrija</u> (Dok. "FT 5" – *a fol.* 16 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Tabone, liema stqarrija giet rilaxxata fit-30 ta' Dicembru 2011 f'12.05hrs, u liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat ikkonferma li l-gurnata ta' qabel gie mwaqqaf bil-vettura waqt li hu kien fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAA 117. Ikkonferma li malli ra l-Pulizija gejjin fuqu huwa rema borza bi trab abjad go fiha ghat-triq liema borza kienet gol-vettura li kien fiha. Jghid li ma jafx x'kien fiha din il-borza li rema. Jghid li din gabarha minn post fejn il-Qolla s-Safra u li ma jafx lill-persuna minn ghand min gabarha. Jghid: *"Nghid li jien dan ir-ragel ma nafx min hu ltqajt mieghu id-Disco il-KU u rani li jien kont qieghed nuza d-droga kokajina u qalli li huwa kellu ghal bejgh. Jiena lil dan ir-ragel tajtu n-numru tieghi u huwa qalli li kien se jcempilli hu. Nghid li filfatt il-kokajina li kelli d-dar kont xtrajtha wkoll minghand dan ir-ragel u wara l-Milied kien reggha cempilli u ftehmna biex nergha nixtri u filfatt ftehmna ghall-bierah. Jiena dan iltqajt mieghu fejn il-Qolla s-Safra f'dawn il-hinijiet u cioé ftit qabel ma gew fuqi l-Pulizija u jien tajtu l-flus u huwa tani l-borza li gabru l-Pulizija. Jiena li nistgha nghid li suppost kokajina fiha dik l-borza imma x'fiha ezatt ma nistghax nghid ghax maghluqa baqghet"* (*a fol.* 17). Jghid li minn ghand dan ir-ragel huwa xtara l-kokajina darbtejn u xtraha tmenin Euro (€80.00) il-gramma. Jghid li kull darba li xtara qatt ma wizienhom. Jghid li l-gurnata ta' qabel lil dan ir-ragel qallu biex igiblu hames grammi kokajina u li lil dan ir-ragel hallsu erba' mitt Euro (€400.00). Meta nghad lilu li fil-borza kien hemm aktar minn hames grammi, wiegeb li ma jafx pero jghid li nduna li l-borza kien fiha aktar peress li ra l-borza kbira. Jghid li mill-garaxx tieghu l-Pulizija elevaw borza bid-droga kokajina u numru ta' boroz vojta. Jghid li ma jafx li mill-garaxx tieghu l-Pulizija elevaw aktar minn hames grammi kokajina peress li ma wizinhomx. Ghad-domanda: *"Igifieri inti qed tghid illi fid-darbtejn li xtrajt minn ghand dan ir-ragel, hallast id-darbtejn ta' hames grammi kokajina u fil-verita' tak hafna aktar?"* (*a fol.* 18), wiegeb: *"Ma nafx kemm tani, pero li nista' nghid illi din id-darba kienet ikbar minn tas-soltu l-borza"* (*a fol.* 18). Jghid li r-raguni ghala l-boroz tal-plastik li gew elevati kellhom it-tarf taghhom imqatta' hija li huwa jqattaghhom biex x'hin johrog izomm ammont zghir fuqu

biex ma johrogx bil-borza kollha. Jghid li ilu, bejn wiehed u iehor, sena jaghmel uzu mill-kokajina. Rigward l-uzu, jghid: *"Nghid li skond kif tkun dak il-hin. Naghmel granet fejn niehu kuljum u gie li niehu aktar minn darba u naghmel granet ma niehux"* (*a fol.* 18). Ma jafx jghid kemm juza kokajina kuljum u jghid li gie li xtara kokajina minn ghand xi hadd iehor ghajr dan ir-ragel li ghamel riferenza ghalih, pero jghid li ammonti zghar. Jghid li ma jafx min huma. Jichad li kellu intenzjoni li jmur ibiegh il-kokajina li nstabet fuqu l-gurnata ta' qabel. Jichad ukoll li hu ilu jbiegh id-droga kokajina diversi snin u li huwa biegh id-droga kokajina lil xi nies. Jghid li mhux vera li hu jbiegh id-droga u li qatt ma bieghha. Jghid li huwa qatt ma mess droga ohra ghajr kokajina.

Illi, fit-<u>tieni stqarrija</u> (Dok. "FT 4" – *a fol.* 13 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Tabone, liema stqarrija giet rilaxxata fil-31 ta' Dicembru 2011 fid-9.00am, u liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat jghid li huwa jahdem ta' *panel beater* u *sprayer* u jaqla' elf Euro (€1000.00) fix-xahar. Jghid li d-droga li nstabet fuqu kienet ghalih biss. Ghad-domanda: *"Ara jekk nghidlek illi bil-paga li taqbad fix-xahar ma jistghax ikun li inti tikkonsma daqshekk droga kokajina ghax ma tlahhaqx mal-paga li ghandek, x'ghandek xi tghid?"* (*a fol.* 14), wiegeb: *"Nghid li mhux vera"* (*a fol.* 14). Jghid li mhux dejjem jiehu l-istess ammont ta' droga. Mistoqsi jghid kemm, bejn wiehed u iehor, jikkonsma droga kokajina fix-xahar, wiegeb li ghaxra tehodhom zgur. Meta gie nfaccat li mill-paga huwa jonfoq tmien mitt Euro (€800.00) fix-xahar fuq id-droga, jghid li mhux dejjem jixtrihom daqshekk, cioé tmenin Euro (€80.00) kull gramma. Jghid li hemm hafna prezzijiet b'kemm tista' tixtri tant li tista' tixtri minn hamsin Euro (€50.00) sa tmenin Euro (€80.00) il-gramma. Jikkonferma li hu jonfoq il-flus tal-paga ghad-droga kokajina. Jghid li jghix ma' ommu u li fil-*weekends* johrog u jaghmel xi xoghol *part-time* peress li ghandu garaxx u fih jaghmel xoghol ta' *spray* fuq il-vetturi. Meta gie mistoqsi x'jghid dwar il-fatt li l-valur ta' droga kokajina li nstab fil-pussess tieghu jammonta ghal aktar minn elf Euro (€1000.00), wiegeb: *"Nghid li wahda kont ghadni nixtrieha u l-ohra kienet diga ghandi"* (*a fol.* 14). Jghid li dakinhar mar jixtri aktar droga, minkejja li kellu, peress li

gieh ic-cans u peress li kien rcieva wkoll il-*bonus*. Jghid li d-droga li kellu fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu personali tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-**ewwel** (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li minkejja li l-Prosekuzzjoni rrilevat li din l-imputazzjoni ma tirrizultax, il-Qorti xorta wahda ser tiehu in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-atti processwali u kienet din ir-raguni ghala l-Qorti ghamlet l-ezercizzju t'hawn fuq fejn indikat x'jirrizulta mill-atti processwali u x'qalu x-xhieda prodotti. *Di fatti*, wara li l-Qorti ghamel dan l-ezercizzju, il-Qorti jirrizultalha li l-ewwel (1) imputazzjoni effettivament ma tirrizultax *stante* li ma jirrizultax dak li l-imputat qieghed jigi akkuzat bih f'din l-imputazzjoni u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

Illi, fir-rigward tat-**tieni** (2) u tat-**tielet** (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, l-imputat ammetta dawn l-imputazzjonijiet u b'hekk dawn gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet li gew pruvati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura ta' dawn ir-reati, il-fedina penali tieghu (Dok. "FT 2" – *a fol.* 10), li hija wahda kompletament nadifa, u, sa certu punt, l-ammissjoni tal-imputat ghat-tieni (2) u ghat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti tinnota li l-imputat setgha jibbenefika minn piena anqas severa kieku huwa ghazel li jammetti dawn iz-zewg imputazzjonijiet imsemmija fi stadju aktar bikri ta' dawn il-proceduri u dana qieghed jinghad peress li jirrizulta li l-imputat ammetta l-imsemmija imputazzjonijiet meta l-kawza kienet waslet fi stadju tal-provi tad-difiza u kienet ilha tinstema ghall-kwazi tlitt snin.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat

Taqsimiet 4 u 6, l-Ewwel Skeda u Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati,

issib lill-imputat Franky Cini hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tmien (8) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€1000.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' sitt mija u erba' Euro u centezmu (€604.01).[1]

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita (u tal-affarijiet relatati maghha) taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

[1] Is-Sur Max Xuereb (€80.50) (*a fol.* 67); Spizjar Godwin Sammut (€184.38) (*a fol.* 88 *tergo*); Dr. Martin Bajada (€339.13) (*a fol.* 122 *tergo* u *a fol.* 141 *tergo*).